MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Rikors Numru. 529/2007

Maltacom p.l.c.
vs
Louis Sam u Mary Anne konjugi Galea

Il-Qorti,

**A. RIKORS:**
Rat ir-rikors tas-socjeta' rikorrenti li bih esponiet:

Illi l-kawza fl-ismijiet fuq premessi (Citazzjoni Nru 1724/97RCP) giet deciza minn din il-Qorti fit-2 ta' Marzu, 2000, fl-istess kawza 'l-konvenuti kienu gew ikkundannati jhallsu lill-Maltacom p.c.i. is-somma ta' elf, disa' mija u tlieta u erbghin Liri Maltin u erbgha u erbghin centezmu (Lm1943.44), in konnessjoni mas-servizz telefoniku numru 493639, bl-imghax u bl-ispejjez.

Illi mill-imsemmija somma l-konvenuti kienu ghadhom ma hallsu xejn, u b'hekk l-ammont dovut fil-mument, huwa tas-sorte fuq indikat, oltre mitejn, erbgha u sittin Liri Maltin

u tlieta u tmenin centezmu (Lm264.83) spejjez u drittijiet professjonali skond it-taxxa annessa u mmarkata Dokument “A” kif ukoll elf, mija u hames Liri Maltin u erbgha u sebghin centezmu (Lm1,105.74), imghax legali kalkolat bit-tmienja fil-mija (8%) fis-sena mit-2 ta’ Marzu 2000, id-data tas-sentenza, sat-18 ta’ April 2007, u ghalhekk l-ammont dovut lill-esponenti kien ta’ tlett elef, tlett mija w erbatax-il Lira Maltin u centezmu (Lm3,314.01) salv kull imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv.

Illi mid-data tas-sentenza ghaddew aktar minn hames (5) snin u s-socjeta` rikorrenti kellha interess illi tipprocedi permezz tal-mandati sabiex tigbor l-ammont lilha dovut.

Is-socjeta` rikorrenti filwaqt li ghamlet referenza ghall-artikolu 258 et sequitur tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) tal-Ligijiet ta’ Malta talbet lill-Qorti joghgobha tawtorizzaha tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet lix-xhieda bil-gurament.

Semghet l-abili difensur tas-socjeta` rikorrenti.

Ikkunsidrat

**B. PROVI:**

Rat illi l-intimati debitament notifikati skond il-ligi baqghu kontumaci.

Xehedet Dr. Ingrid Zammit Young u kkonfermat li ghadu ma sar ebda hlas fil-proceduri odjerni mill-intimati u ghalhekk l-ammont ghadu dovut u ghadu l-istess.

**C. KONKLUZJONIJIET:**

Illi ghalhekk fuq kontumacja, it-talba rikorrenti tidher gustifikata u l-Qorti qed tilqaghha fis-sens li tawtorizza lill-istess socjeta` rikorrenti tipprocedi bil-mandati opportuni sabiex tesegwixxi s-sentenza fl-ismijiet fuq indikati.

Spejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------